MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 682/2007

**Anthony Muscat, Joseph Lia, Patrick Tanti, Darren Galea, Charles Vella, Kenneth Buhagiar, Twanny Borg, Noel Baldacchino, Domenic Scerri, Ivan Borg, Carmelo Agius, Carmel sive Charles Parnis, Alex Sultana, Antoine Galea, Emanuel Cutajar, Jefferson Camilleri, Charles Calleja, Alexander Bezzina, Raymond Formosa**

**Vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta**
**u**
**Kap Kmandant tal-Forzi Armati**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-atturi, fejn dawn wara li ppremettew illi:

L-atturi huma lkoll ingaggjati mal-Forzi Armati.

Da ricenti l-awtoritajiet konvenuti taw numru ta' promozzjonijiet lil numru sostanzjali ta' nies membri tal-Forzi Armati.

L-atturi ma inghatawx promozzjoni u jhossu li dan sar b'abbuz amministrattiv u li d-decizjoni ma kinitx wahda ragonevoli.

In effetti l-atturi jsostnu li kien hemm nies anzjani daqshom jew inqas minnhom li kellhom kwalifiki daqshom jew inqas minnhom li inghataw promozzjoni filwaqt li b'mod inspjegabbli huma gew maqbuza.

Talbu lill-esponenti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara illi l-ezercizzju ricenti li ghamlet l-Armata konvenuta fejn tat numru ta' promozzjonijiet kien wiehed abbuziv peress illi kien irragonevoli u dan a tenur ta' l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-konvenuti jew min minnhom jaghtu promozzjoni relattiva lill-atturi.

Tiddikjara illi fl-ezercizzju imsemmi fl-ewwel talba l-konvenuti jew min minnhom ikkawzaw danni lill-atturi.

Tillikwida d-danni kkawzati lill-atturi.

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni hemm likwidati.

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta u l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati fejn dawn eccepew illi:

Fl-ewwel lok u **in linea preliminari** din l-Onorabbli Qorti m'ghandha ebda gurisdizzjoni biex tissindaka l-organizazzjoni interna tal-Forzi Armati ta' Malta skond l-Artikolu 469A(2) tal-kap. 12 billi mizuri li jirrigwardaw l-organizazzjoni interna tad-Dipartimenti u l-entitajiet tal-Gvern huma eskluzi mid-definizzjoni ta' "att

amministrattiv" f'dak l-artikolu u jaqghu barra s-sindakibilita' gudizzjarja.

Fit-tieni lok u **in linea preliminari** in-nuqqas ta' fondament guridiku ghall-azzjoni da parti tal-atturi billi ma jezisti ebda dritt illi wiehed jiehu promozzjoni.

**Fil-mertu** u bla pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Il-gudizzju tal-esponenti dwar il-promozzjonijiet li nghataw fl-Armata kien wiehed gust, skond il-Ligi u b'osservanza tal-principji tal-gustizzja naturali u ghalhekk l-esponenti la agixxew ultra vires u lanqas b'abbuz ta' poter.

Fil-process biex jimtlew vakanzi fil-gradi u r-rwoli differenti tal-Forzi Armati ta' Malta jitqiesu diversi fatturi u kriterji u mhux biss anzjanita' u kwalifiki kif qed jallegaw l-atturi, liema fatturi u kriterji gew meqjusa komplessivament biex hekk inghataw il-promozzjonijiet in kwistjoni.

In vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-atti kollha.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti kollha ngaggati mal-Forzi Armati ta' Malta qed jilmentaw li nqabzu fil-promozzjonijiet li nghataw fi hdan l-Armata u qeghdin konsegwentement jitolbu lil din il-Qorti tissindika dan l-agir tal-Armata a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prim Ministru u l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati jirribattu billi jghidu li din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni

taghmel dan l-ezercizzju ghaliex dan l-istess jikkostitwixxi att ta’ organizzazzjoni interna tal-istess Armata.

L-Art. 469A(2) testwalment jipprovdi illi:

“Eghmil amministrattiv” tfisser il-hrug ta’ kull ordni, licenzja, permess, *warrant,* decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta’ xi persuna li jsir minn awtorita’ pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta’ organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita.”

Dawn il-Qrati kellhom okkazzjoni jezaminaw din l-eskluzjoni tal-poter tal-Qrati f’kaz ta’ att amministrattiv (Ara Edward Falzon vs Kummissarju tal-Puluzija – Prim’Awla 22 ta’ Ottubru 2002).

Madanakollu din il-Qorti ma ghandha quddiemha ebda prova dwar in-natura tal-ezercizzju li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti. L-unika referenza li dan l-ezercizzju sar fil-kuntest ta’ “Re-Organization and Establishment of the Force” saret fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-istess intimati. Ma ngabet ebda prova dwar x’kien effettivament jinkludi dan l-ezercizzju u ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi, l-ewwel eccezzjoni tal-intimati qed tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni tal-intimati hija fis-sens illi jezisti nuqqas ta’ fondament guridiku ghall-azzjoni proposta mir-rikorrenti billi ma jezisti ebda dritt li wiehed jiehu promozzjoni. Hawnhekk ukoll, kif ga kellha okkazjoni tirrimarka aktar ‘il fuq ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-intimati, l-istess intimati ma sostnew bl-ebda mod l-argument taghhom. Din il-Qorti tasal biex tikkoncedi li jistghu jezistu sitwazzjonijiet u cirkostanzi fejn promozzjoni ma tkunx awtomatika, anzi tkun fid-diskrezzjoni tad-dirigenti tal-organizzazzjoni li timpjega. Madanakollu, l-ebda diskrezzjoni ma tigi ezercitata b’mod arbitrarju.

Fil-fatt, l-istess regolament citat mill-istess intimati fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom tistabilixxi kriterji li fuqhom tinghata promozzjoni fil-Forzi Armati Art. 37 (1) tal-L.S.220.03 jipprovdi illi “Il-promozzjoni ghandha ssir skond rakkomandazzjoni bazata fuq efficjenza, anzjanita’,

kwalifiki u ghazla biex timtela vakanza”. X’sar effettivament f’dan il-kaz, hawnhekk ukoll ghadu injot. F’dan is-sens din il-Qorti tirreferi ukoll ghall-principji enuncjati mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Jannar 2003 fil-kawza Chairman tal-Kumpanija P.B.S. vs Awtorita’ tax-Xandir et, kif ukoll dak li qalet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta’ Malta (Imhallef J.R. Micallef), deciza 1 ta’ Mejju 2004.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad ukoll din l-eccezzjoni, u tordna li l-kawza titkompla regolarment.

L-ispejjez ta’ dan l-incident jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------